MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2012

Rikors Numru. 407/2011

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti appremetta:

1. Illi l-kontendenti zzewgu fil-15 ta' Settembru, 1997 (Dok. A).

2. Illi l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fl-4 ta' Settembru, 2001, fl-atti tan-Nutar Dr. Isabelle Gonzi (Dok. B)

3. Illi l-kontendenti ilhom ferm aktar minn erba` snin separati de facto u legalment, u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontedenti.

4. Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju stante li l-partijiet m'humiex obbligati jmantnu lil xulxin.

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi ghalhekk ai termini tal-Att XIV tal-2011, l-esponenti jixtieq jitlob id-divorzju u/jew hall taz-zwieg minn martu l-intimata.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fil-15 ta' Settembru, 1997.

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jirregistra d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg fir-Registru Pubbliku.

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Dicembru, 2011;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-4 ta' Settembru 2001 u ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda manteniment dovut peress illi l-partijiet mhumiex obbligati imantnu lil xulxin;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------